



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16826/23

LIMITE

CORLX 1138  
CFSP/PESC 1690  
RELEX 1484  
COEST 674  
FIN 1304

## PROPOSTA

---

minn:	Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, iffirmata mis-Sur Stefano SANNINO, Segretarju Ġenerali
data meta waslet:	18 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument HR(2023)283.

Mehmuż: HR(2023)283

**HR(2023) 283**  
*Limited*

SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA



**Proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Kunsill**

**tat-18/12/2023**

**għal Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

**HR(2023) 283**  
*Limited*

# HR(2023) 283

## *Limited*

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta' [jj/xx/2023]

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 u s-27 ta' Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew tenna l-kundanna qawwija tiegħu tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-Karta tan-NU, u afferma mill-ġdid l-appoġġ sod tal-Unjoni Ewropea għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fil-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tagħha u għad-dritt inerenti tagħha li tiddefendi ruħha kontra l-aggressjoni Russa. Il-Kunsill Ewropew iddikjara wkoll li l-kapaċità tar-Russja li twettaq il-gwerra ta' aggressjoni tagħha trid tkompli tiddgħajfef, inkluż billi jissaħħu aktar is-sanzjonijiet.
- (3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, huwa xieraq li jiġu adottati aktar miżuri restrittivi.

---

<sup>1</sup> ĠU L 78, 17.3.2014 p.6.

# HR(2023) 283

## *Limited*

- (4) B'mod partikolari, il-Kunsill iqis li jenħtieġ li persuna waħda u entità waħda responsabbli għal azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jiżdiedu mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

# HR(2023) 283

## Limited

### ANNEX

Il-persuna u l-entità li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 269/2014:

#### Persuna

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet	Data tal-elekar
"1646.	Pavel Alekseevich MARINYCHEV (Павел Алексеевич МАРИНЫЧЕВ)	Funzjoni: Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Alrosa  Data tat-twelid: 25.10.1978  Post tat-twelid: Yakutsk, eks USSR (issa Russian Federation)  Nazjonalità: Russa  Sess: Raġel  Numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa: 143515801397  Entità assoċjata: PJSC Alrosa	Pavel Marinychev huwa l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Alrosa, kumpanija tal-istat li topera fir-Russja, li hija speċjalizzata fl-esplorazzjoni, fl-estrazzjoni, fil-manifattura u fil-bejgħ tad-djamanti. Alrosa hija l-akbar kumpanija tal-estrazzjoni tad-djamanti fid-dinja. L-industrija tad-djamanti hija strateġikament importanti għall-ekonomija tal-Federazzjoni Russa, peress li hija l-akbar esportazzjoni mhux tal-enerġija tal-pajjiż. Alrosa tirrappreżenta aktar minn 90 % tal-produzzjoni Russa kollha tad-djamanti. Bħala l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Alrosa, Pavel Alekseevich Marinychev huwa negozjant involut f'settur ekonomiku li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Fir-rwol tiegħu, qed jappoġġa finanzjarjament lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa assoċjat ma' Alrosa.	+"

#### Entità

	Isem	Informazzjoni għall-identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
"337.	PJSC ALROSA (АЛРОСА)	Indirizzi: Uffiċċju ta' Mirny: 678174 ul. Lenina, 6, Mirny, Republic of	Alrosa hija kumpanija tal-istat li topera fir-Russja, li hija speċjalizzata fl-esplorazzjoni, fl-estrazzjoni, fil-manifattura u fil-bejgħ tad-djamanti. Alrosa hija l-	+"

# HR(2023) 283

## *Limited*

	<p>Sakha (Yakutia), Russia</p> <p>Uffiċċju ta' Moska: 24, Ozerkovskaya nab. 115184, Moscow, Russia</p> <p>Tip ta' entità: Kumpanija b'Ishma Konġunti Pubbliċi</p> <p>Post tar- reġistrazzjoni: Russja</p> <p>Data tar- reġistrazzjoni: 17.07.2002</p> <p>OGRN: 1021400967092</p> <p>NIT: 1433000147</p> <p>Post prinċipali tan- negozju: Russja</p> <p>Persuni assoċjati: Pavel Alekseevich Marinychev (Uffiċċjal Kap Eżekuttiv)</p>	<p>akbar kumpanija tal-estrazzjoni tad- djamanti fid-dinja. L-industrija tad- djamanti hija strateġikament importanti għall-ekonomija tal- Federazzjoni Russa, peress li hija l- akbar esportazzjoni mhux tal- enerġija tal-pajjiż. Alrosa tirrappreżenta aktar minn 90 % tal- produzzjoni Russa kollha tad- djamanti. Alrosa għandha wkoll sħubija fit-tul mal-forzi armati Russi, peress li sponsorjat sottomarin tal-flotta Russa mill- 1997. Għalhekk, Alrosa hija involuta f'settur ekonomiku li jipprovdi sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u d-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Alrosa qed tappoġġa wkoll finanzjament lill-Gvern tal- Federazzjoni Russa.</p>	
--	--	--	--